# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 28 ta' Marzu, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**vs**
**Keith Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Keith Azzopardi, u detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 46793M.

Akkuzat:

a. talli nhar is-26 ta' Marzu, 2018, ghal habta tal-hdax u nofs ta bil-lejl (2330hrs) gewwa Triq l-Oratorju, Bormla, ingurja, jew heddet, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe` ***PS583 Evan Grech*** waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwxxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
b. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq

il-persuna ta’ PS583 Evan Grech hekk skond ma’ iccertifika Dr. Maria A Mifsud MD (Reg. no. 3838);

c. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f’lok pubbliku jew f’post miftuh ghall-pubbliku, kien fi sakra b’mod li ma kienx jista jiehu hsieb tieghu nnifsu; u
d. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat,  u min-naha l-ohra l-eventwali koperazzjoni mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,  wara li rat l-artikoli 95, 221(3)(a), 222(1)(c), u 338(dd)(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah xahrejn prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sena u multa ta’ tmien mitt Euro (€800) li ghandha tithallas f’pagamenti mensieli ta’ mitt Euro b’l-ewwel pagament dovut fil-hmistax ta’ April 2018.

Il-Qorti spjegat lill-iputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**